MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 130/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Settembru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kienu zzewgu fil-21 ta' Gunju 1999 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg numru 966/1999 (Dok. "A");

Illi dan iz-zwieg huwa null ghaliex il-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalitajiet tal-konvenut li fix-xorti

taghhom ifixklu serjament il-hajja mizzewga ta' bejniethom;

Illi dan iz-zwieg huwa null ukoll peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi dan iz-zwieg huwa null ukoll peress li l-kunsens tal-konvenut kien inkiseb b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi dan iz-zwieg huwa null ukoll peress li l-kunsens tal-konvenut kien marbut ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* minn xulxin ghal dawn l-ahhar erba' xhur;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet fil-21 ta' Gunju 1999 ma jiswiex u huwa null ghar-ragunijiet migjuba hawn fuq, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-**artikolu 19 (1), (c), (d), (f) u (g) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa mharrek biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo ta' l-14 ta' Gunju 2001; ta' l-20 ta' Settembru 2001 u tal-11 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza dejjem baqghet ghan-notifika tal-konvenut.

Rat l-avviz tal-5 ta’ April 2002 tal-Qorti diversament presjeduta fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Gunju 2002; tat-12 ta’ Dicembru 2002; ta’ l-20 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza dejjem giet differita ghan-notifika tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ April 2003 fejn ma deher hadd u l-kawza giet kancellata;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tat-22 ta’ Mejju 2003 fejn talbet li l-kawza tigi riappuntata;

Rat id-digriet tat-23 ta’ Mejju 2003 fejn l-attrici giet ordnata li tipprezenta l-affidavits taghha fi zmien tletin (30) gurnata;

Rat in-nota ta’ l-attrici tas-26 ta’ Gunju 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha;

Rat id-digriet tas-27 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba ghar-riappuntament tal-kawza u rriappuntat l-istess kawza ghas-26 ta’ Novembru 2003;

Rat li l-konvenut kien notifikat bl-affidavit ta’ l-attrici fit-3 ta’ Lulju 2003 *a tergo* 28 tal-process;

Rat li l-konvenut kien notifikat bl-avviz tar-riappuntament tal-kawza ghad-19 ta’ Settembru 2003 *a tergo* ta’ fol. 29 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Novembru 2003 fejn il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata ta’ l-affidavits bi zmien tletin (30) gurnata ohra u l-kawza thalliet ghan-notifika tal-konvenut ghad-19 ta’ Frar 2004.

Rat li l-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni u l-avviz ghas-smigh fit-30 ta’ Jannar 2004 u dan fl-indirizz Block H, Flat 5, Triq il-Lellux, Santa Lucia, u dan billi kopja ta’ l-istess citazzjoni u avviz tas-smigh tal-kawza inghata lilu

personali, u dan kollox skond riferta *a tergo* ta' fol. 32 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2004 fejn il-konvenut prezenti nforma lill-Qorti li kien se jqabbad avukat;

Rat ir-rikors tal-konvenutipprezentat fis-16 ta' April 2004 fejn talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 19 ta' April 2004 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;

Rat id-digriet tal-15 ta' Frar 2005 fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors ta' l-attrici *in vista* tal-verbal tal-15 ta' Frar 2005;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2004 fejn Dr Chris Soler ta ruhu b'notifikat bir-rikors tal-konvenut datat 16 ta' April 2004 u oppona ghall-istess. Dr David Camilleri nforma lill-Qorti li baghat ghall-klijent tieghu biex jaghmel l-affidavit kif ordnati izda l-klijent mar biss il-gurnata ta' qabel. Il-Qorti estendiet it-terminu ta' l-affidavit tal-konvenut ghall-ahhar darba b'hamest ijiem minn dakinhar. Il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju biex tiffissa seduta ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-partijiet dwar ir-rikors ta' gustifikazzjoni ta' kontumacja. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-19 ta' Ottubru 2004.

Rat ir-risposta ta' l-attrici ghar-rikors tal-konvenut;

Rat in-nota tal-konvenut li biha pprezenta l-affidavit tieghu dwar it-talba tieghu ghall gustifikazjoni tal-kontumacja;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fit-30 ta' Settembru 2004 fejn xehdu il-konvenut (a fol. 42) u l-attrici (a fol. 48) dejjem dwar l-istess punt;

Rat il-verbali tas-seduti tad-19 ta' Ottubru 2004; u tal-15 ta' Frar 2005 fejn Dr Chris Soler irtira r-rikors tad-19 t'April

2004 u l-Qorti ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni tieghu. Dr David Camilleri u l-konvenut imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konvenut ghas-16 ta’ Marzu 2005;

Rat is-sentenza dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja datata 16 ta’ Marzu 2005.

Rat il-verbal datat 16 ta’ Marzu 2005 fejn inghatat id-decizjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konvenut u fejn giet milqugha t-talba tieghu u fejn abbazi ta’ l-istess decizjoni inghata terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu u wkoll sabiex jipprezenta x-xhieda tieghu bl-affidavit fi zmien tletin (30) gurnata. Il-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni ghat-8 ta’ Gunju, 2005;

Rat il-verbal datat 8 ta’ Gunju 2005 fejn Dr. Chris Soler, ghall-attrici prezenti, informa l-Qorti li minkejja li l-konvenut gie awtorizzat jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet wara decizjoni tal-Qorti, xorta baqa’ ma pprezenta l-ebda nota, u ghaldaqstant ma sarux seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli. Dr. Chris Soler ghalhekk talab li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza. Il-konvenut imsejjah diversi drabi rega’ ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett’ ostakolo* ghas-27 ta’ Ottubru 2005;

Rat li l-konvenut ghalkemm gie awtorizzat jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu permezz tad-decizjoni u verbali indikati hawn fuq xorta wahda ma prezenta xejn u ghalhekk baqa’ kontumaci;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenut baqa' kontumaci din il-Qorti xorta hi obbligata tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi u dan japplika f'kull kawza kemm ghaliex il-kontumacja hija opposizzjoni u in partikolari fil-kaz ta' talba ta' annulament taz-zwieg fejn hemm presuzjoni favur il-validita' taz-zwieg u l-kunsens validu ta' kull parti ghall-istess.

Illi fil-fatt jigi kkonfermat li z-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabbilita` socjali; zwieg debitament registrat skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili hu presunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u anke li kieku hawn *si tratta* ta' ammissjoni ghal kollox u bla ebda kondizzjoni tat-talba attrici (**artikolu 158 (2) Kap 12**) din il-Qorti ma tkunx ezonorata f' kaz ta' kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub ("**Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri**" – Cit. Nru. 1264/94/VDG per Onorevoli Imhallef (llum is-Sinorija Tieghu il-Prim'Imhallef Vinvent De Gaetano) deciza fit-3 ta' Ottubru 1995 P.A.).

Illi dwar il-premessi attrici jinghad li jwasslu sabiex jinghad li l-attrici qeghda tvanta u tallega li l-imsemmi zwieg kien null u bla effett ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (c), (d), (f) u (g) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Emanuel Walter Vella vs Mona Lisa Vella"** (P.A. (RCP) - 1 t'Ottubru 2002 - Cit Nru 801/96/RPC) il-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly.*

*A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'aementia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in ***'*****L'immaturite' et le consentement matrimonial*****"*** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina**

**Zammit vs Paul Zammit”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f’dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **“Josette Lungaro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta’ ***Viladrich*** li jghid:-

*“Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. (**Viladrich, P.J.*** **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated”** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*“Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations*

*must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi dan l-animu tal-istess partijiet manifestat fl-azzjonijiet taghhom, huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indissolubbilta' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef'** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi l-attrici bbazat it-talba taghha anke' abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f)** li min-naha l-ohra jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

*"**(f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) **u "Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) 1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) 1 t'Ottubru 2002 Cit Nru 50/02/RCP).

Illi premessa ohra fic-citazzjoni attrici hija dik a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (g)** li jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"**(g)** jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107).

Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kondizzjoni tapplika biss ghal kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kondizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur, u din il-premessa hija sodisfatta wkoll *stante* li l-istess konvenuta rabtet il-kunsens taghha mal-kondizzjoni li hija ma jkollhiex tfal, u mhux biss izda li l-partijiet ma kellhomx jippruvaw sabiex ikollhom it-tfal, tant li hija kienet tuza' kull mezz ta' kontracettiv sabiex hija ma tohrogx tqila. Meta giet, wara diversi snin ippressata mill-attur b'din il-kondizzjoni, u sabiex tabbanduna l-istess, hija kulma ghamlet kienet biss li abbandunat id-dar konjugali, bla kliem u sliem, u ghalhekk a bazi tal-provi prodotti jidher li

dan l-element gie wkoll ippruvat u ghalhekk it-talba attrici fuq din il-bazi qed tigi milqugha wkoll.

Illi rigward l-ahhar premessa tal-attrici li fuqha tibbaza l-azzjoni taghha u cjoe' dik imsejsa fuq l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255**, dan jipprovdi li:-

**Artikolu 19 (1):** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(c)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-sub-artikolu:-

*"Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra"* (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – P.A. 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta' dan is-sub-artikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa mmaterjali jekk tali qerq jorigina min-naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa mportanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f' **"The New Marriage Law"** jghid li *"As t. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the 'consortuim vitae … … if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant."*

Illi wkoll l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula *sive* Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu **19 (1) (c)** gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-**artikolu 981 tal-Kodici Civili** li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg."*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality **must be** objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (**Viladrich*** **P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed) 1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

**Illi l-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza** "Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova" **(P.A. (RCP) 13 ta' Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et" **(P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-sub-artikolu**

**hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.**

## (ii) Apprezzament tal-Provi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu civilment fil-21 ta' Gunju 1999, u l-attrici hija Maltija fil-waqt li l-konvenut huwa Libjan. Iltaqghu skond l-attrici l-ewwel darba fil-5 ta' Dicembru 1998, pero' skond l-attrici kemm il-darba kellu jmur lura l-Libja minhabba problemi sabiex igedded il-visa tieghu sabiex ikun jista' jghix hawn Malta; jidher li d-decizjoni biex jizzewgu inhadhet sabiex il-konvenut ikun jista' joqghod Malta, u l-attrici konxja ta' din is-sitwazzjoni, u din il-Qorti thoss ukoll li peress li l-attrici jidher li kienet infattwata bil-konvenut, tant li ma' xtaqitx titilfu, accettat li tizzewweg lill-konvenut bir-rit civili u dan ghalkemm l-istess konvenut ghamel kondizzjoni li ma' ridtx ulied minn din ir-relazzjoni – kondizzjoni li jidher li l-attrici accettat, (ghalkemm hija tghid li kienet mhedda mill-konvenut li jekk tinqabad tqila joqtol lilha u lit-tarbija).

Illi minn dan kollu jidher car li l-kunsens ta' kull parti ghalldan iz-zwieg kien vizzjat kemm ghaliex ghall konvenut dan kien zwieg ta' konvenjenza, uzat minnu sabiex ikun jista' joqghod Malta, u l-attrici konxja ta' dan, accettat dan kollu, u kif ukoll ghaliex jidher li l-istess zewg partijiet eskludew il-prokreazzjoni ta' l-ulied mir-relazzjoni taghhom u dan minn qabel l-istess zwieg u wkoll minkejja l-kunsens moghti minnhom apparentament taz-zwieg, b'dan li certament u b'mod posittiv eskludew element essenzjali taz-zwieg, kif stabilit skond il-ligi taghna u ghalhekk certament li l-kunsens taghhom kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi jidher ukoll li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet torbolanti ghall-ahhar fejn l-istess konvenut baqa' jghix hajja ta' guvni, bla ebda responsabilitajiet ta' ragel mizzewweg, u mhux hekk biss izda l-attrici tallega diversi drabi li giet abbandunata minnu kemm il-darba u ghar minn hekk li refa' jdejh fuqha u sawwatha diversi drabi, tant li tghid li kienet kostretta tahrab mill-konvenut f'Gunju

2000 u hija marret tghix ghand missierha; f'dan il-kaz jidher li l-konvenut qatt ma' accetta lill-attrici bhala martu, izda dejjem ikkonsidrha bhala inferjuri u sottomessa ghalih, u jekk ma' taghmilx dak li jghid huwa kien juza vjolenza fuqha u certament dan kollu jmur kontra kull kuncett ta' ugwaljanza fiz-zwieg bejn il-koppja u ovvjament kontra l-kuncett ta' dinjita' ta' persuna f'dan il-kaz il-persuna ta' mara. Jidher li din is-sitwazzjoni kompliet tirrepeti ruhha anke wara li l-attrici ippruvat ghal xi raguni tghix mal-konvenut wara l-mewt tal-genituri taghha u din ix-xhieda ta' l-attrici ma' giet bl-ebda mod kontradetta mill-konvenut li inghata diversi opportunatijiet sabiex jiddefendi l-kawza u wkoll l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta u tiddeciedi, billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn premess** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg iccelebrat civilment bejn il-partijiet fil-21 ta' Gunju 1999 ma jiswiex u huwa null ghar-ragunijiet migjuba *stante* li l-kunsens ta' kull parti kien vizjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------